MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 214/2013

**Andre' Magro (ID296573-M), Mario Magro (ID341652-M),**
**John Magro (ID78354-M) u Paul Magro (ID163258-M)**
**lkoll ezercenti n-negozju *"Firm Michael Magro"***

**vs**

**Casha David**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf u tnejn u sittin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,062.94c) ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-atturi lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali mill-25 ta' Gunju, 2009, data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt in Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa; (i) illi preliminarjament d-ditta Firm Michael Magro ma ghadhix ezercenti n-negozju u ma hijiex ezistenti; (ii) illi preliminarjament u minghajr pregudizzju t-talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; (iii) illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrenti hija wkoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; (iv) illi dejjem minghajr pregudizzju l-ammont pretiz mhux dovut ai termini tal-ligi lir-rikorrenti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut kkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, naqas milli jidher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal, u naqas milli jressaq il-provi tieghu dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati minnu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi fil-11 ta’ Dicembru, 2013.

Ra u semgha d-deposizzjoni li nghatat mill-konvenut, li permezz taghha kkontestata mill-gdid it-talba tal-atturi u ddikjara li l-ammont mitlub mhux dovut.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda l-ohra imressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-Sentenza tittratta dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, u cioe' illi d-ditta 'Firm Michael Magro' ma ghadhiex tezercita n-negozju, u ma hijiex ezistenti, u ghalhekk ma setghetx tigi proposta din l-azzjoni, oltre illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) u tal-artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wiehed mill-atturi, Andre' Magro iddikjara illi hu, flimkien mal-atturi l-ohra, kien jiggestixxi negozju ta' bejgh ta' prodotti, u d-ditta 'Firm Michael Magro' ma kienitx Socjeta' kummercjali registrata, izda kienu joperaw dan in-negozju taht dak l-isem. Illi b'referenza ghall-konvenut, kien isir negozju mieghu, in kwantu kien jixtri prodotti u merkanzija minghand l-atturi. Illi lid-debituri taghhom kienu jintbaghtu *statements* li permezz taghhom kien jigi mitlub il-hlas ta' kwalunkwe bilanc li kien ikun dovut, u lil dawn id-debturi kien anke javvicinahom missieru, Grezzju Magro, li personalment kien imur jitlobhom il-hlas. Illi hu personalment lill-konvenut qatt ma avvicinah sabiex jitolbu l-hlas. Illi dwar l-ammont mitlub f'din il-kawza, dan kien u ghadu dovut.

Illi xehed ukoll Grezzju Magro, li kien involut fil-gestjoni tan-negozju; madanakollu, l-interess tieghu f'dan in-negozju ttrasferih a favur l-attur Andre' Magro. Illi minkejja f'dan, baqa' involut f'dak li jirrigwarda z-zamma tal-karti u kotba konnessi ma' dan in-negozju. Illi dwar il-fatturi mertu ta' din il-kawza, l-istess xhud iddikjara illi dawn huma relatati ma' konsenji li saru lill-konvenut, u li kien bghat rendikont lill-istess konvenut sabiex ifakkru illi l-ammont kien dovut, u anke kellmu in rigward. Illi da parti tieghu, il-konvenut kien jiddikjara illi dawn il-fatturi huma mhallsa, izda meta gie mitlub prova in rigward, dan

naqas milli jipprovdi tali informazzjoni. Illi d-ditta in kwistjoni waqqfet l-operat taghha xi ftit taz-zmien qabel ma nbdew dawn il-proceduri.

Illi l-konvenut da parti tieghu ddikjara illi hu kien jixtri xi prodotti u merkanzija minghand l-atturi, izda jsostni illi hu dejjem wettaq il-hlas ghall-merkanzija kollha li giet ikkonsenjata lilu. Il-konvenut iddikjara illi hu kien *adopera* sistema illi meta kienet tigi mwettqa konsenja, li kienet tkun madwar darba fil-gimgha, hu kien jiffirma ghal dik il-konsenja fuq id-*delivery note*, filwaqt illi kien iwettaq il-hlas ghall-konsenja precedenti. Illi tali *delivery notes* kienu jkunu f'duplikat, u filwaqt illi hu kien izomm il-kopja, id-*delivery man* kien izomm l-original. Eventwalment, meta kien imur bil-konsenja gdida l-gimgha ta' wara, id-*delivery man* kien jikkonsenja lill-konvenut l-original tal-fattura tal-gimgha precedenti, u fuqha kien ikun hemm indikat il-kliem "*paid*". Illi dwar l-ammont mitlub f'din il-kawza, il-konvenut iddikjara li meta hu rcieva ittra minghand l-Avukat tal-atturi, hu talabhom sabiex jikkonsenjawlu kopja tal-fatturi relattivi. Illi l-konvenut, da parti tieghu, ma sab ebda dokumenti sabiex juri li gie mwettaq il-hlas, madanakollu, jiddikjara illi dawn il-fatturi kienu jittrattaw dwar merkanzija li giet ikkonsenjata lilu fl-2009 u anke qabel, u ghalhekk minhabba t-trapass ta' zmien, ma kienx zamm l-istess dokumenti. Illi ddikjara wkoll illi mis-sena 2009 'l quddiem, hu ma rcieva ebda interpellazzjoni ufficjali ghall-hlas, u kien biss fl-2013 illi rcieva att gudizzjarju, meta rcieva l-atti ta' din il-kawza.

Ikkunsidra,

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut hija bbazata fuq zewg aspetti principali, u cioe' dwar jekk l-atturi f'din l-azzjoni ghandhomx *locus standi* sabiex jipproponu l-azzjoni, kif ukoll illi din l-azzjoni hija preskritta. Illi l-konvenut mhux qed jikkontendi illi din il-merkanzija ma gietx ikkonsenjata lilu, izda li l-

hlas ghaliha gie mwettaq minnu u li fi kwalunkwe kaz, il-pretensjoni dwar hlas hija *oramai* preskritta.

Illi in rigward l-eccezzjoni tal-konvenut dwar jekk l-atturi ghandhomx *locus standi* sabiex jipproponu din l-azzjoni rrizulta illi d-ditta 'Firm Michael Magro' waqfet milli topera ftit tas-snin ilu. Illi din id-ditta kienu involuti fl-operat taghha l-atturi, u l-axxendenti taghhom qabilhom. Illi dwar il-kontestazzjoni tal-konvenut illi l-atturi ma jistghux jipproponu din l-azzjoni ladarba din id-ditta ma ghadhix topera, jkun opportun illi jigi rilevat illi din l-azzjoni giet proposta minn erba' (4) individwi, li kienu joperaw taht l-isem ta' ditta. Illi l-fatt illi dan in-negozju gie xjolt, u ghalhekk dawn il-persuni ma ghadhomx joperaw u jiggestixxu dan in-negozju ma jfissirx illi kwalunkwe kreditu dovut lilhom gie awtomatikament estint. Illi lanqas il-konvenut ma huwa qed jikkontendi illi l-atturi m'ghandhomx konnessjoni ma' din id-ditta; anzi ddikjara li gharaf lill-attur bhala wiehed mill-persuni li kien jikkonsenjalu il-merkanzija. Illi ghalhekk, u gialadarba l-kontestazzjoni tal-konvenut m'hix fis-sens illi l-atturi li pproponew din l-azzjoni m'ghandhomx konnessjoni ma' din id-ditta, izda li d-ditta m'ghadhiex topera, ma jfissirx illi l-persuni li kienu joperaw taht din id-ditta m'ghandhomx il-jedd li jipproponu din l-azzjoni ghaliex ma ghadhomx iwettqu dan it-tip ta' negozju. Illi l-kreditu spettanti lil din id-ditta jibqa' kreditu tal-atturi involuti fl-operat u gestjoni tan-negozju mwettaq minn din id-ditta, u fin-nuqqas ta' prova da parti tal-konvenut illi l-persuni ndikati bhala atturi f'din il-kawza m'ghandhomx konnessjoni ma' din id-ditta, allura dan it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita illi l-atturi lkoll ghandhom konnessjoni mal-imsemmija ditta, u li konsegwentement ghandhom interess guridiku u fattwali, u konsegwentement, *locus standi* sabiex jipproponu azzjoni ghall-hlas ta' kreditu spettanti lill-istess ditta.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioe' illi d-ditta 'Firm Michael Magro' ma ghadhiex ezercenti fin-negozju u ma ghadhiex ezistenti, qed tigi respinta.

Illi in rigward l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, il-konvenut ndika zewg provvedimenti tal-Ligi li jipprovdu zewg termini differenti, u cioe' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi ghal terminu preskrittiv ta' hames (5) snin, filwaqt illi l-Artikolu 2148, li tieghu gew indikati s-subinciz (a) u (b), jipprovdi terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar.

Illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq erba' (4) fatturi, li jinsabu esebiti a fol. 19 *et seq.* tal-atti. Illi tali fatturi huma datati 29 ta' April, 2004, 6 ta' Mejju, 2004, 28 ta' Ottubru, 2004 u 25 ta' Gunju, 2009 rispettivament. Illi mill-atti processwali rrizulta wkoll illi l-uniku att gudizzjarju li gie propost mill-atturi in rigward dawn il-fatturi kien l-Avviz tat-Talba relattiv, liema att gie pprezentat fl-10 ta' April, 2013. Illi ghalkemm jidher illi kien hemm fornitura regolari ta' prodotti lill-konvenut, tant illi hu ddikjara li kien jircievi konsenja ta' prodotti minghand l-atturi darba fil-gimgha, madanakollu, ddikjara wkoll illi l-arrangament bejniethom dwar is-sistema tal-hlas kienet tali illi hu kien iwettaq hlas ghal fattura mal-konsenja ta' prodotti l-gimgha sussegwenti. Illi ghalhekk bejn il-partijiet kontendenti ma kienx hemm arrangament jew ftehim illi l-konvenut kien ser iwettaq hlas perjodikament ghal diversi konsenji ta' prodotti; anzi jidher illi l-ftehim kien fis-sens illi l-hlas ghal kull konsenja kien jigi mwettaq il-gimgha ta' wara ghal dik il-konsenja partikolari. Illi jsegwi ghalhekk illi ghalkemm kien hemm relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet tali li l-atturi

kienu jipprovdu fornitura regolari ta' prodotti lill-konvenut, madanakollu, kull fattura ghal kull konsenja ta' prodotti kienet transazzjoni separata, u li ghalhekk ma kienx hemm sistema ta' hlasijiet perjodici akkont ta' varji fatturi. Illi ghalhekk ma jidhirx illi kien hemm interruzzjoni ta' preskrizzjoni permezz ta' pagamenti rateali jew perjodici akkont ta' diversi fatturi, u ghalhekk f'dak li jirrigwarda l-fatturi datati April, 2004, Mejju, 2004 u Ottubru, 2004, dawn necessarjament huma preskritti, ghaliex l-atturi ma ressqu ebda prova li seta' kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni *da parti* tal-konvenut fir-rigward ta' dawn it-transazzjonijiet specifici.

Illi in rigward il-fattura li tinsab a fol 23 tal-atti, li hija datata 25 ta' Gunju, 2009, jehtieg illi jigi stabbilit liema mill-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-konvenut huma applikabbli ghal din it-transazzjoni, u cioe' jekk hux it-terminu ta' tmintax (18)-il xahar jew dak ta' hames-(5) snin. Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-konvenut kien jiggestixxi negozju, u li l-prodotti li kienu jigu kkonsenjati lilu ta' kull gimgha, ma kienux intizi ghall-uzu prsonali tieghu; illi dan ghandu jirrizulta wkoll mill-fatt illi fuq il-fatturi li gew ipprezentati jirrizulta wkoll in-numru tal-VAT tal-istess konvenut. Illi ghalhekk jidher illi dawn il-prodotti u merkanzija kienu qed jinxtraw mill-konvenut sabiex jergghu jinbieghu lil terzi. Illi ghalhekk jidher illi l-bejgh u konsenja ta' merkanzija mill-atturi lill-konvenut kien qed isir bil-mezz ta' ingrossa, u mhux imnut. Illi minkejja l-fatt illi l-prodotti li kien qed jixtri l-konvenut ma kienux fi kwantitajiet kbar, madanakollu, l-istess konvenut iddikjara illi kien jircievi merkanzija u prodotti regolarment minghand l-atturi, u li ghalhekk tali bejgh kien qed isir bl-ingrossa u mhux bl-imnut.

Illi l-Artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi: "*Huma atti tal-kummerc – (a) ix-xiri ta' hwejjeg mobbli sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri, sew in natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati; il-bejgh jew il-kiri ta' hwejjeg mobbli, in natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati, meta x-xiri taghhom ikun sar sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri*". Illi minkejja li l-ammont ta' prodotti li giet akkwistata mill-konvenut ma jidhirx li kienet fi kwantitajiet kbar, madanakollu t-Tribunal huwa sodisfacentement konvint illi l-merkanzija li giet ikkonsenjata lill-konvenut ma kienitx intiza ghall-konsum personali, izda kienet att ta' kummerc, in kwantu dik il-merkanzija kienet ser tinbiegh mill-gdid mill-istess konvenut lill-klijentela tieghu. Illi ghalhekk huwa applikabbli, se mai, t-terminu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' dak ta' hames-(5) snin.

Illi tenut kont tal-fatt illi l-fattura li tinsab a fol. 23 tal-atti hija datata 25 ta' Gunju 2009, filwaqt illi l-azzjoni giet proposta fl-10 ta' April, 2013, allura jsegwi illi l-perjodu ta' hames-(5) snin li fih setghet tigi proposta l-azzjoni, kien ghadu ma skadiex. Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut in rigward il-fattura datata 25 ta' Gunju, 2009 ghall-ammont ta' mitejn sitta u tletin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€236.25c) m'ghandhiex tigi akkolta.

Illi l-konvenut jikkontendi illi l-fatturi kollha mertu ta' din l-azzjoni gew imhallsa minnu; madanakollu, u minkejja f'tali asserzjoni, l-istess konvenut naqas milli jipprezenta ebda evidenza in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Illi tenut kont ukoll ta' dak li gie dikjarat mill-konvenut illi mal-hlas ta' fattura hu kien jinghata l-original ta' dik il-fattura li fuqha jkun iffirma ghal dik il-konsenja, il-fatt illi l-original tal-fattura a fol.23 tal-atti baqghet fil-pussess tal-atturi, jindika

illi din ma gietx imhallsa, ghaliex altrimenti kienet tigi kkonsenjata lill-istess konvenut.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qed jilqa' *in parte* t-tieni eccezzjoni tal-istess konvenut limitatament in rigward il-fatturi datati 29 ta' April, 2004, 6 ta' Mejju, 2004 u 28 ta' Ottubru, 2004 (a fol.19 sa 21 tal-atti) li qed jigu dikjarati preskritti, u jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza in rigward il-fattura datata 25 ta' Gunju, 2009 (a fol. 23 tal-atti).

It-Tribunal jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------